MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2007

Citazzjoni Numru. 181/1994/1

**Joseph Naudi Montaldo bhala direttur u Joseph Corrado bhala *General Manager*, it-tnejn ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Montaldo Insurance Services Ltd.**

**vs.**

**Joseph G. Pace bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Fortress Insurance Brokers Limited u b'digriet tal-21 ta' April 1994 gew kjamati in kawza John Galea f'ismu proprju u ghal kull interess illi ghandu f'John Col Rent-a-Car; Francis Attard f'ismu proprju u ghal kull interess illi ghandu f'Frank's Car Hire u Frank's Garage; u Victor Gruppetta bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza ta' Merlin International Limited.**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ic-citazzjoni attrici datata 9 ta’ Frar 1994 a fol. 1 tal-process, u pprezentata quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Joseph A. Filletti fejn gie premess:-

Illi l-partijiet iffirmaw il-kuntratt li kopja tieghu qeghda tigi esebita bhala dokument “A” li permezz tieghu l-atturi *nomine* appuntaw lis-socjeta` konvenuta bhala l-“*management consultants*” taghhom u dan taht il-kondizzjonijiet u provedimenti kollha msemmija fl-istess kuntratt.

Illi l-konvenut *nomine ai termini* tal-kondizzjoni numru 5 ta’ l-istess kuntratt kien obbilgat li jinforma lill-atturi *nomine* giornalment bl-accettazzjoni tal-*business* tal-gurnata u *inoltre* l-konvenut *nomine* kellu, kull l-ahhar tax-xahar, jaghti lill-atturi *nomine* “*statement*” tax-xoghol tax-xahar precedenti u fi zmien tletin gurnata jhallas lill-atturi *nomine* l-bilanc risultanti.

Illi skond l-istess konvenut *nomine* – *vide* l-ittra tieghu stess tas-17 ta’ Settembru 1993 mibghuta minnu lill-atturi *nomine* hawn esebiti bhala dokument “B” – huwa baqa’ ma gabarx il-*premiums* dovuti minn tliet min-nies assigurati u dan jammonta ghas-somma ta’ Lm12,375.74 u talabhom sabiex jistitwixxu l-proceduri legali opportuni huma kontra l-istess assigurati.

Illi *ai termini* tal-kuntratt fuq riferti dan l-ammont huwa pagabbli lill-attur *nomine* mill-konvenut *nomine* ndipendentement jirnexxilux huwa *a sua volta* jigbru mill-assigurati koncernati u konsegwentement l-atturi *nomine* ma setghux jaghmlu dak li kien gie lilhom suggerit mill-konvenut *nomine*.

Illi l-attur *nomine* kellu jhallas diversi *claims* u l-konvenut kellu jigbor l-excess minghand l-assigurat li flimkien dawn jammontaw ghal tlett mija u ghoxrin lira maltija (Lm320) – *vide* Dok “C”.

Illi l-konvenut *nomine* mitlub jissalda dan l-ammont diversi drabi, mhux biss baqa' ma hallasx izda qieghed jippretendi li ma ghandu jaghti xejn, anzi d-debitu huwa ta' l-assigurat ta' l-atturi favur l-atturi *nomine* u dan in vjolazzjoni flagranti tal-kuntratt fuq imsemmi u esebit bhala dokument "A".

Illi dan id-debitu huwa cert likwidu u dovut. Fl-opinjoni ta' l-attur *nomine* l-konvenut ma ghandux eccezzjonijiet x'jghati u ghalhekk il-kawza tista' tigi deciza *ai termini* ta' l-artikolu 167 tal-Kodici tal-Procedura Civili.

Illi ghalhekk l-istess atturi talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Taqta' u tiddeciedi l-kawza *ai termini* ta' l-artikolu 167 tal-Kodici tal-Procedura Civili u *cioe*` bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza.

2. Tikkundannah ihallas lill-attur *nomine* s-somma ta' Lm12,695.74, dovuta lill-attur *nomine in via* ta' *premiums* ta' poloz ta' assikurazzjoni *ai termini* tal-kuntratt fuq imsemmi u esebit kif ukoll rifuzjoni ta' pagament ta' excess – kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-imghax legali kalkolabbli minn tletin (30) guranta wara li l-istess assigurati kienu gew accettati bhala tali mill-konvenut *nomine* u meta allura kien dovut il-pagament mill-konvenut *nomine* lill-attur *nomine* u bl-ispejjes komprizi dawk ta' hames ittri legali u tal-mandat ta' sekwestru presentat kontestwalment mal-presenti kontra l-konvenut li minn issa jibqa' ngunt ghas-subizzjoni tieghu.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur *nomine* a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti fosthom l-affidavit ta' l-attur.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smiegh minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Joseph A Filletti ghas-seduta tal-14 ta' Frar 1994.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Joseph Filletti tal-14 ta’ Frar 1994 fejn meta ssejhet il-kawza deheru l-atturi assistit u l-konvenut Dr. J Caruana Scicluna assistit li ghamel referenza ghall-klawsola 13 tal-kuntratt esebit mac-citazzjoni u ssottometta illi minn din il-klawsola u minn klawsola ohra tal-kuntratt u mill-principji generali tal-ligi ammonti rikjamati mhux dovuti mis-socjeta` konvenuta izda mill-assigurati. Billi hemm bazi ta’ kontestazzjoni, il-Qorti kif diversament presjeduta, tat ghoxrin (20) gurnata zmien mid-data ta’ dan il-verbal ghall-fini ta’ nota ta’ eccezzjonijiet. Il-kawza giet differita ghall-21 ta’ April 1994 ghall-provi.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ta’ Joseph Pace *nomine* datata 4 ta’ Marzu 1994 a fol. 21 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi l-*premiums* mitluba fic-citazzjoni mhumiex dovuti mis-socjeta` konvenuta izda talvolta mill-assikurati u *cioe*` mill-propjetarji tal-Merlin Car Hire, tal-Frank’s Garage u tal-Johncol Rent-a-Car, li l-kjamat in kawza taghhom qieghda tintalab.

2. Subordinatament u minghajr pregudizzju l-atturi *nomine* kienu inadempjenti fl-obbligi taghhom kemm taht il-kuntratt imsemmi fic-citazzjoni u annessa bhala Dok “A” kif ukoll taht il-poloz ta’ assikurazzjoni kif jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza.

3. Subordinatament u minghajr pregudizzju l-ammont mitlub ta’ Lm12,375.74 jinkludi l-kummissjoni dovuta lill-konvenut *nomine*.

4. Illi l-hlas mitlub mill-atturi *nomine* ta’ l-*excess* ghandu jigi verifikat u fi kwalunkwe kaz il-hlas tal-*excess* huwa kondizzjonat mas-*settlement da parte* ta’ l-atturi *nomine* tal-*claims* tad-diversi assikurati.

5. Illi huma l-atturi *nomine* li huma filfatt debituri lejn il-konvenut *nomine* u dwar dan il-konvenut *nomine* qed jipprezenta kontro-talba.

6. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Illi l-konvenut *nomine* jixtieq jipprevalixxi ruhu minn dawn il-proceduri sabiex jipprezenta kontro-talba kontra l-attur *nomine*.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda ta' Joseph G. Pace *nomine* a fol. 23, 24 u 25 tal-process.

Rat il-kontro-talba ta' Joseph G. Pace *nomine* datata 24 ta' Marzu 1994 a fol. 26 tal-process fejn gie eccepit:-

Illi l-partijiet iffirmaw il-kuntratt li kopja tieghu hija esebita mac-citazzjoni bhala Dok "A" li permezz tieghu l-atturi *nomine* appuntaw lis-socjeta` konvenuta bhala *Management Consultants* taghhom u dan taht il-kundizzjonijiet fih kontenuti.

Illi skond l-istess kuntratt (inkluzi l-artikoli 1 u 11) l-atturi *nomine* kienu obbligati li jaccettaw ix-xoghol kollu ta' "*self-drive and garage hire Insurance Business*" illi jintroduci l-konvenut *nomine*.

Illi bi vjolazzjoni flagranti ta' l-istess kuntratt l-atturi *nomine* permezz ta' *fax* mibghuta fl-20 ta' April 1992 (Dok "X") infurmaw lill-konvenut *nomine* illi ma jridux jaccettaw aktar xoghol ta' dan it-tip.

Illi bhala rizultat ta' dan l-agir il-konvenut *nomine* sofra danni kif jigi ppurvat fil-kaz, ghal liema danni huma responsabbli l-atturi *nomine*.

Illi waqt il-kors tal-kuntratt l-atturi *nomine* kienu inadempjenti kemm fl-obbligi taghhom taht l-istess kuntratt u kemm fl-obbligi taghhom taht il-poloz ta' l-assikurazzjoni ma' assikurati li kien introduca l-konvenut *nomine* fosthom id-dewmien esagerat tas-*settlement* ta' *claims* u biex jinhargu l-poloz ta' l-assikurazzjoni kif ukoll in-nuqqas ta' l-

atturi *nomine* illi jaghtu lill-konvenut *nomine* l-“i*statement*” illi huma kienu obbligati jaghtu *ai termini* ta’ l-artikolu 14 A ta’ l-imsemmi kuntratt kif jigi ppruvat fil-kawza.

Illi bhala konsegwenza l-konvenut sofra danni li ghalihom l-atturi *nomine* huma responsabbli.

Illi ghalhekk l-istess socjeta’ konvenuta talbet li l-atturi *nomine* jghidu ghaliex m’ghandiex din il-Qorti *in vista* tal-premess:-

1. Tiddikjara illi l-atturi *nomine* kissru l-kuntratt fuq imsemmi meta fl-20 ta’ April 1992 infurmaw lill-konvenut *nomine* illi ma riedux jaccettaw xoghol gdid ta’ assikurazzjoni ta’ “*self drive u garage hire*”.

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-konvenut *nomine* bhala konsegwenza ta’ dan il-ksur.

3. Tikkundanna lill-atturi *nomine* jhallsu d-danni hekk likwidati.

4. Tiddikjara li l-atturi *nomine* kienu inadempjenti fl-obbligi taghhom kemm taht l-imsemmi kuntratt kif ukoll taht il-poloz ta’ assikurazzjoni ma’ l-assikurati li ntroduca l-konvenut *nomine* kif fuq spjegat.

5. Tiddikjara li bhala konsegwenza l-atturi *nomine* kkawzaw danni lill-konvenut *nomine*.

6. Tillilwida dawn id-danni sofferti mill-konvenut *nomine*.

7. Tikkundanna lill-atturi *nomine* jhallsu d-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez kontra l-atturi *nomine* li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-kontro-talba ta’ Joseph G. Pace *nomine.*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokument anness u mmarkat bhala Dok “X”.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ta’ l-attur *nomine* ghall-kontro-talba tal-konvenut *nomine* datata 22 ta’ Marzu 1994 a fol. 33 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi d-domandi rikonvenzjonali tal-konvenut huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez *stante* illi mhux minnu dak allegat fil-premessi tal-kontro-talba u l-attur qatt ma seta’ kien responsabbli ghal dak allegat.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attur ghat-talba rikonvenzjonali tal-konvenut flimkien mal-lista tax-xhieda kif jidher a fol. 33 u 34 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Joseph Filletti tal-21 ta’ April 1994 fejn meta ssejhet il-kawza dehru l-partijiet assistiti. Dr. Joseph Caruana Scicluna rrefera ghat-talba tieghu biex jikkjama fil-kawza l-proprjetarji tal-*Car Garages* imsemmija fl-ewwel eccezzjoni tieghu. Il-kontro-parti ma opponietx. Il-Qorti laqghet it-talba b’dan li fi zmien sebat ijiem, l-konvenut ghandu jippprezenta nota b’dawn il-persuni u l-indirizz taghhom. Il-kawza giet differita ghat-30 ta’ Gunju 1994.

Rat in-nota ta’ Joseph G. Pace *nomine* datata d-9 ta’ Mejju 1994 a fol. 37 tal-process li permezz taghha nforma lill-Qorti li l-persuni li hu qed jitlob fil-kjamata in kawza kien jikkonsistu f’John Galea f’ismu proprju u ghal kull interess illi ghandu f’John Col Rent-a-Car; Francis Attard f’ismu proprju u ghal kull interess illi ghandu f’Frank’s Car Hire u Frank’s Garage; u Victor Grupetta bhala direttur ghan-nom u in rappresentanza ta’ Merlin International Limited.

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet ta’ John Galea *proprio et nomine* datata 23 ta’ Mejju 1997 a fol. 40 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi fl-ewwel lok l-eccipjent ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju billi huwa qatt ma kellu rapport giuridiku ma l-ebda parti nvoluta f'din il-kawza.

2. Illi fit-tieni lok, l-eccipjent ma ghandu jhallas xejn lill-ebda wiehed mill-kontendenti la fil-kwalita` taghhom kif indikata f'din l-istanza u lanqas fil-kwalita` rappresentattiva taghhom ta' assikuraturi barranin.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut John Galea *pro et nomine* u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-kjamat in kawza Francis Attard *proprio* u ghal kull interess illi ghandu f'Frank's Car Hire u Frank's Garage datata 23 ta' Gunju 1994 a fol. 44 tal-process fejn ecceppixxa li:-

1. Fl-ewwel lok, illi t-talbiet attrici in kwantu bazati direttament u unikament fuq il-kuntratt konkluz bejn l-atturi *nomine* u l-konvenut Joseph G. Pace *nomine*, li tieghu l-eccipjenti qatt ma kien u ma huwiex effettivament parti, u inkwantu dawn gew issa diretti kontra l-eccipjenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjes;

2. Fit-tieni lok, illi ghal dak li jirrigwarda l-*premia* li l-hlas taghhom gie mitlub mill-konvenut Joseph G. Pace *nomine* minghand l-eccipjenti, dawk ma kienu bl-ebda mod relatati mal-*premia* li effettivament l-eccipjenti gie ndikat li kien ser ihallas, u li accetta li jhallas fil-mument li dahal ghall-kopertura assikurattiva, u *in ogni caso* zgur li ma jammontawx lontanament ghas-somma ta' Lm12,695.74 mitluba mill-atturi *nomine*;

3. Illi fit-tielet lok, il-konvenut Joseph G. Pace *nomine* talab ukoll minn ghand l-eccipjenti l-hlas ta' ammont akbar mill-ammont ta' *premia* li kien ikopri l-vetturi ta' l-eccipjenti li gew assikurati;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-kjamat in kawza Frank Attard *nomine*.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-kjamat in kawza Victor Gruppetta ghan-nom u in rapprezentanza ta' Merlin Car Hire Limited fejn gie eccepit:-

1. Fl-ewwel lok, illi t-talbiet attrici in kwantu bazati direttament u unikament fuq il-kuntratt konkluz bejn l-atturi *nomine* u l-konvenut Joseph G. Pace *nomine*, li tieghu l-eccipjenti qatt ma kien u ma huwiex effettivament parti, u nkwantu dawn gew issa diretti kontra l-eccipjenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjes;

2. Illi fil-konfront tas-socjeta` konvenuta Fortress Insurance Brokers Limited l-eccipjenti kontra kull ammont li jista' jkun dovut bhala *premia*, jivvanta kreditu rapprezentanti l-klassijiet ta' riparazzjonjiet ta' diversi vetturi lilu dovuti mill-istess socjeta` konvenuta li ghalihom huwa jirriserva kull dritt skond il-ligi.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-kjamat in kawza Victor Gruppetta *nomine.*

Rat il-verbali kollha tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Joseph Filletti tat-30 ta' Gunju 1994; tal-5 ta' Dicembru 1994; tat-2 ta' Frar 1995; tal-4 ta' Mejju 1995; tat-8 ta' Gunju 1995; tat-2 ta' Novembru 1995 fejn xehed Joseph Naudi Montaldo in kontro-ezami; tal-25 ta' Jannar 1996 fejn meta ssejhet il-kawza dehru l-partijiet assistiti. Il-Qorti hekk diversament kostitwieta ddikjarat li peress li hemm xhieda fit-tul u punti legali komplessi nvoluti, gie suggerit li jkun ahjar li jitqabbad perit gudizzjarju a spejjez provvizorjament ta' l-attur bi qbil bejn il-partijiet. Inghata digriet fejn jidher li gie nominat bhala perit legali l-Avukat Dr. Philip Sciberras (illum l-Onorevoli Mhallef Philip

Sciberras) u l-kawza giet differita ghas-7 ta’ Marzu 1996; tas-7 ta’ Marzu 1996; u tal-20 ta’ Marzu 1996 fejn il-kawza giet differita allura ghar-rapport.

Rat in-nota ta’ l-attur Joseph Naudi Montalto n*omine* datata 3 ta’ Mejju 1995 a fol. 57 tal-process li permezz taghha pprezenta l-affidavit tieghu stess b’diversi dokumenti annessi minn fol. 81 sa fol. 89 tal-process.

Rat in-nota tal-konvenut Joseph G. Pace *nomine* datata 16 ta’ Mejju 1995 (fol.91) li biha ddikjara li hu gie notifikat bl-affidavit ta’ l-attur *nomine* u ddikjara li ried jaghmel il-kontro-ezami lill-istess xhud.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Arrigo tas-16 ta’ Settembru 1996; tal-14 ta’ April 1997; tad-29 ta’ Settembru 1997; tat-30 ta’ Jannar 1998; u tas-17 ta’ Gunju 1998 u l-ordnijiet ta’ l-istess Qorti datati 4 u 18 ta’ Jannar 1999.

Rat l-ordnijiet tal-Qorti u il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef David Scicluna tal-21 ta’ Jannar 1999, tas-26 ta’ Jannar 1999; tal-13 ta’ April 1999; tat-30 ta’ Gunju 1999; tal-11 ta’ Ottubru 1999; tad-19 ta’ Jannar 2000; tat-2 ta’ Mejju 2000; tal-20 ta’ Ottubru 2000; tat-28 ta’ Frar 2001; tas-27 ta’ Gunju 2001; u tal-21 ta’ Novembru 2001 u 19 ta’ April 2002.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Anton Depasquale tal-25 ta’ April 2002 u tas-27 ta’ Gunju 2002 u l-ordni ta’ l-istess Qorti hekk diversament presjeduta datata 19 ta’ Novembru 2002.

Rat il-verbal tas-seduti mizmuma quddiem il-Perit Legali Dr. Philip Sciberras u d-dokumenti pprezentati tal-15 ta’ April 1996 fejn xehed l-attur in kontro-ezami; tad-9 ta’ Gunju 1996; u tad-19 ta’ Ottubru 1998, fejn fl-ahhar seduti ma sar xejn ghaliex il-partijiet kienu qed jippruvaw jittransigu.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tal-1 ta' April 2003; tat-13 ta' Mejju 2003; tal-11 ta' Gunju 2003; u tal-24 ta' Ottubru fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Joseph Schembri ghall-atturi prezenti u Dr. Rachel Montebello ghall-kjamat in kawza u Dr. J. Caruana Scicluna ghall-konvenut. Xehed Victor Gruppetta prodott mill-attur. Il-kawza giet differita ghall-konkluzjoni tal-kontro-ezami ta' Victor Gruppetta ghat-28 ta' Novembru 2003; tat-28 ta' Novembru 2003; tal-21 ta' Jannar 2004; tat-12 ta' Marzu 2004; tas-16 ta' April 2004; tal-4 ta' Mejju 2004; tal-4 ta' Gunju 2004 fejn il-kawza giet differita ghal probabbli transazzjoni ghas-7 ta' Ottubru 2004; tas-7 ta' Ottubru 2004; tad-9 ta' Novembru 2004; u tat-3 ta' Dicembru 2004.

Rat in-nota ta' Dr. Ramona Frendo u Dr. Rachel L. Montebello datata 14 ta' Settembru 2004 fejn irrinunzjaw ghall-patroncinju tas-socjeta' konvenuta Merlin International Limited.

Rat in-nota ta' Victor Gruppetta datata 3 ta' Dicembru 2004 li biha esebixxa l-affidavit tieghu stess, bl-annessi dokumenti, li mmarkat bhala Dok "BG" kif jidher a fol. 188 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tal-15 ta' Frar 2005; u tal-5 ta' April 2005 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. James D'Agostino ghal kjamat fil-kawza Merlin International Limited u Frank's Garage Limited, liema trattazzjoni tinsab registrata minn 200A sa fol. 200C tal-process. Deher Dr. Schembri ghall-attur li rrimetta ruhu ghall-atti. Il-kawza giet differita ghas-27 ta' Mejju 2005 ghas-sentenza.

Rat id-Digriet ta' din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri datat 19 ta' Mejju 2005 fejn ordnat li l-affidavit tal-kjamat fil-kawza Victor Gruppetta jigi notifikat lis-socjeta' konvenuta kollox kif jirrizulta a fol. 201 tal-process.

Rat in-nota tas-socjeta` kjamat in kawza Merlin International Ltd datata 25 ta' Mejju 2005 (fol. 202) li permezz taghha esebiet kopja ta' l-affidavit ta' Victor Gruppetta bil-*visto* tal-kontro-parti bhala prova li l-affidavit ta' l-istess Victor Gruppetta gie notifikat skond id-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tad-19 ta' Mejju 2005.

Rat ir-rikors ta' Joseph G. Pace *nomine* datat 25 ta' Mejju 2005 a fol. 213 tal-proccess fejn talab li din il-Qorti tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza sabiex jkun jista' jaghmel il-kontro-ezami ta' l-imsemmi Victor Gruppetta u dan taht dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni. Il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri laqghet it-talba b'digriet ta' l-istess data tas-27 ta' Mejju 2005.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tas-27 ta' Mejju 2005 fejn deher Dr. Joseph Schembri ghall-atturi u Dr. Joseph Caruana Scicluna ghas-socjeta` konvenuta. Dr. Caruana Scicluna nforma l-Qorti li s-socjeta' konvenuta baqaghlha taghmel kontro-ezami ta' l-affidavit ta' Victor Gruppetta u taghti ruhha notifikata bl-istess. Il-Qorti nnominat lil Assistent Gudizzjarju Dr. Mariella Gonzi biex tiffissa seduta wahda ghal dan l-iskop. Il-kawza giet differita ghat-28 ta' Ottubru 2005 ghall-konkluzjoni tal-gbir tal-provi.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Mariella Gonzi tal-4 ta' Ottubru 2005 fejn is-seduta giet ikkancellata minn Dr. Joseph Schembri; u tat-3 ta' Ottubru 2005 giet ikkancellata minn Dr. J. Caruana Scicluna.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tat-28 ta' Ottubru 2005 fejn il-kawza giet differita quddiem din il-Qorti kif presjeduta ghas-17 ta' Jannar 2006 *"ghall-konkluzjoni tal-gbir tal-provi"* kollox kif jidher minn fol. 221 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif illum presjeduta tas-17 ta' Jannar 2006 (fol.222) fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr. Veronica Vella li assocjat ruhha fil-patrocinju tas-socjeta` konvenuta. Il-Qorti staqsiet lid-difensur prezenti x'baqa' isir fil-kawza li nfurmatha li hemm kontro-ezami ta' Victor Gruppetta u ma tistax tghid xi provi fadal izjed. F'dan l-istadju dahal Dr. Joseph Schembri ghall-atturi. Il-Qorti nnominat bhala Assistent Gudizzjarju lil Dr. Josette Demicoli u ordnatilha li zzomm l-ahhar zewg seduti fil-mori ta' dan id-differiment ghall-provi kollha tal-partijiet, liema provi ma jkunux producibbli bil-procedura ta' l-affidvit, u l-provi tal-partijiet b'hekk jigu ddikjarati maghluqa b'tali seduti. Il-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghat-18 ta' Ottubru 2006.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli tat-3 ta' Mejju 2006 fejn xehed Victor Gruppetta in kontro-ezami; u tal-10 ta' Lulju 2006.

Rat in-nota ta' l-attur datata 28 ta' Lulju 2006 (fol. 232) li permezz taghha esebixxa mal-prezenti kopja tal-kontromandat li gie prezentat fid-19 ta' April 2004 u ghalhekk l-ammont pretis f'din il-kawza llum jinsab ridott ghas-somma ta' Lm3,620.75.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti hekk presjeduta tat-18 ta' Ottubru 2006 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Joseph Schembri ghall-attur li nforma l-Qorti li l-provi huma maghluqa. Dr. Joseph Schembri talab li l-kawza tibqa' ghas-sentenza. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-31 ta' Jannar 2007.

Rat ir-rikors ta' Joseph G. Pace datat 24 ta' Ottubru 2006 (fol.238) fejn l-esponenti talab li din il-Qorti joghgobha tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza sabiex issir it-trattazzjoni finali mill-partijiet, u f'kaz ta' ezitu sfavorevoli ghal din it-talba, l-esponenti jitlob li jinghata l-fakulta` li jaghmel nota ta' osservazzjonijiet u dan taht dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni. Il-Qorti laqghet it-talba fis-sens li tat il-fakulta` lill-konvenut

jipprezenta nota ta’ osservazzjonijiet fi zmien hmistax (15)-il gurnata mid-data tad-digriet bil-*visto* tad-difensuri tal-kontro-parti li jkollhom hmistax (15)-il gurnata ghal nota responsiva. Il-Qorti ssospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza u halliet il-kawza ghall-finali trattazzjoni ghall-31 ta’ Jannar 2007.

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet attrici datata 21 ta’ Novembru 2006 (fol. 240).

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tas-socjeta` konvenuta Fortress Insurance Brokers Limited datata 21 ta’ Novembru 2006.

Rat il-verbal tas-seduta tal-31 ta’ Jannar 2007 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Joseph Schembri ghall-attur u Dr. Veronica Vella ghall-konvenuti talbu li l-kawza tibqa’ differita ghas-sentenza. Il-Qorti laqghet it-talba. Il-kawza giet differita ghas-sentenza in difett ta’ ostakolu ghad-29 ta’ Marzu 2007.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi din hija kawza fejn abbazi ta’ ftehim milhuq bejn is-socjeta’ attrici u s-socjeta’ konvenuta datat 25 ta’ Novembru 1991 (fol. 6) s-socjeta’ attrici qed titlob il-hlas ta’ l-ammont ta’ Lm12,695.74 rappresentanti kwantu ghall-Lm12,375.74 *premiums* u l-ammont ta’ Lm320 rappresentanti l-*excess* li s-socjeta’ konvenuta kellha thallas lis-socjeta’ attrici skond l-istess ftehim. L-istess ammont gie ridott ghall-ammont ta’ Lm3,620.75 u dan skond nota ta’ riduzzjoni attrici datata 28 ta’ Lulju 2006 (fol. 232 tal-process.

Illi s-socjeta’ konvenuta qed teccepixxi li tali *premiums* ma humiex dovuti mis-socjeta’ konvenuta izda mis-socjetajiet li kienu kjamati fil-kawza; u dan apparti li sostnew li s-socjeta’ attrici kienet inadempjenti fl-obbligi taghha fl-istess skrittura u li l-ammont mhux kollu dovut peress li minnhom trid titnaqqas il-kummissjoni dovuta lis-socjeta’ konvenuta abbazi ta’ l-istess ftehim.

Illi fl-istess waqt is-socjeta’ konvenuta pprezentat kontro-talba fejn sostnew li peress li s-socjeta’ attrici ma accettatx izjed xoghol ta’ *“self drive and garage hire insurance”* u dan b’effett mill-*fax* datata 20 ta’ April 1992, u peress li s-socjeta’ attrici damet ma tipprocessa l-*claims*, u naqset ukoll li tohrog poloz ta’ assigurazzjoni, u wkoll naqset li taghmel *statements* skond l-artikolu 14 A ta’ l-istess skrittura, dan kollu kkawza danni lis-socjeta’ konvenuta, u ghalhekk talbu d-dikjarazzjoni ta’ l-istess u l-konsegwenti likwidazzjoni u konsegwenti hlas ta’ danni mis-socjeta’ attrici lis-socjeta’ konvenuta.

Illi ma hemm l-ebda dubju li din il-kawza titratta dwar l-applikazzjoni ta’ skrittura bejn il-firmatarji ta’ l-istess u dwar l-interpretazzjoni ta’ l-istess u f’dan il-kuntest din il-Qorti tirreferi ghall-principji li jirregolaw l-istess b’referenza ghal dak li nghad fis-sentenza **“Anton Spiteri vs Alfred Borg”** (P.A. ( RCP) - 30 ta’ Novembru 2000) *“ghalhekk hawn japplika l-principju stabbilit fl-**artikolu 1002 tal-Kap 12**, fejn meta l-kliem ta’ konvenzjoni mehud fis-sens skond l-uzu tal-kuntratt, hu car, ma hemmx lok ta’ interpretazzjoni, ghaliex tali interpretazzjoni, anke supplita minn xhieda, tista’ tinghata biss sabiex telucida l-iskrittura jew il-kuntratt f’xi patt incidentali jew accessorju taghha”* **(“Carmela Borg vs Bartolomeo Xuereb” -** A. C. 30 ta’ Marzu 1997).

Illi dan huwa wkoll konformi mal-principju *‘contra scriptum non est argumentum’,* li jibqa’ japplika sakemm ma tingiebx prova li tali skrittura hija nieqsa minn xi element kostituttiv taghha **(“Joseph Grech Sant nomine vs Avukat Dr. Riccardo Farrugia *et nomine*” -** A.C. 28 ta’ Frar 1997).

Illi dawn il-principji gew konsistentament ribaditi mill-Qrati taghna, inkluza minn din il-Qorti kif presjeduta tant li fis-sentenzi **"Emmanuel Schembri et vs Leonard Ellul et"** (P.A. (RCP) 30 ta' Ottubru 2000) u **"Suzanne Xuereb vs Gilbert Terreni"** (P.A. (RCP) 12 ta' Lulju 2001) gie ri-affermat li *"huwa principju generali fl-interpretazzjoni tal-kuntratti dak stabbilit fl-**artikolu 1002 tal-Kap 16** u cioe' li meta "il-kliem ta' konvenzjoni, mehud fis-sens li ghandu skond l-uzu taz-zmien tal-kuntratt, hu car, ma hemmx lok ta' interpretazzjoni".* Tal-istess portata hija s-sentenza **"Alfrida Borg vs Carmen Camilleri *et*"** (P.A. (RCP) 2 ta' Ottubru 2001).

Illi bl-aktar mod esplicitu gie ritenut li "*l-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta` tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tigi osservata. "Pacta sunt servanda*". (A.C. 5 ta' Ottubru, 1998 – "**Gloria mart Jonathan Beacom et vs L-Arkitett u Inginier Civili Anthony Spiteri Staines"**).

Illi l-istess is-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell tkompli tghid "*Illi l-gurisprudenza nostrali hi kostanti filli rriteniet li ma hiex ammissibbli li prova testimonjali kontra jew in aggjunta ghall-kontenut ta' att miktub u hi talvolta ammessa biex tikkjarifika l-intenzjoni tal-partijiet meta din hi espressa b'mod ambigwu*" (Vol. XXXIV, P. III., p. 746).

Illi ntqal *inoltre* anke fis-sentenza **"General Cleaners Company Limited vs Attorney General et"** (P.A. (RCP) 29 ta' Novembru 2001 li "*l-Qrati jkunu obbligati jinterpretaw il-konvenzjoni meta f'kuntratt il-partijiet ma jkunux spjegaw ruhhom car jew posterjorment ghall-kuntratt jintervjeni avveniment li jkollu bhala konsegwenza kwistjoni li ma tkunx giet preveduta u li kien hemm bzonn li tigi maqtugha, u din ghandha tigi primarjament interpretata skond l-intenzjoni tal-partijiet li jkunu hadu parti fil-kuntratt u li tkun tidher car mill-kumpless tal-konvenzjonijiet*" (Vol. XXIV, P. I., p.27) (ikkwotata fis-sentenza "**Beacom vs Spiteri Staines"** – ibid; "**Suzanne Xuereb vs Gilbert Terreni" –** P.A. (RCP) 12 ta' Lulju

2001; "**Anton Spiteri vs Alfred Borg"** – P.A. (RCP) 30 ta' Novembru 2000; "**Emanuel Schembri vs Leonard Ellul" –** P.A. (RCP) 30 t'Ottubru 2001).

Illi applikati dawn il-principji ghall kaz in ezami din il-Qorti wara li ezaminat il-provi kollha prodotti jirrizulta li gie ppruvat li bejn l-istess socjeta' attrici u socjeta' konvenuta kien sar il-ftehim in iskritt datat 25 ta' Novembru 1991 fejn abbazi ta' l-istess is-socjeta' attrici (ndikata bhala *"Principals"* fl-istess ftehim) appuntat lis-socjeta' konvenuta bhala *"Management Consultants with authority to accept and decline risks as per terms of the scheme as defined in clause 2 hereunder, to enter into individual premium payment agreements with clients under the Scheme provided the prior approval of the Principals is received in each particular case, and to collect premiums, subject to the specific regulations and instructions as agreed from time to time"*

Illi skond klawsola 2 ta' l-istess ftehim inghad li:-

*"That the Management Consultants accept the appointment, agreeing to provide management and consultancy services for the setting up and operation of a Self Drive and Garage Hire Insurance Scheme, hereinafter called the Scheme, based on underwriting guidelines to be approved by the Principals.......".*

Illi wkoll skond klawsola 5 (b) jinghad ukoll li:-

*"That the Management Consultants shall, not later than the thirtieth day of each month, forward to the Principals a statement of account for the preceding month in respect of business introduced by them and remittance of the 'Resultant Bal lance' shall be made to the Principals not later than 60 days after the closing of the month for which the account is rendered. The Resultant balance shall mean the gross premiums due under the various individual clients' credit agreements, less return premiums, and less Consultancy Fees due to the Management Consultants thereon".*

Illi din il-Qorti thoss li wara li rat il-provi kollha prodotti u wkoll in-noti ta' osservazzjonijiet tal-partijiet fil-kawza u t-trattazzjoni ta' l-istess, jirrizulta li gie ppruvat li din l-iskema bdiet topera b'effett mill-1 ta' Jannar 2002, izda jidher li mill-ewwel inqala' disgwid bejn il-partijiet firmatarji fis-sens li s-socjeta' attrici ppretendiet li hija tithallas fil-hin bil-*premiums* dovuti ghax-xoghol indikat mis-socjeta' konvenuta, u tallega li minflok is-socjeta' konvenuta bdiet thallas biss xi ammonti li hija kienet irceviet minghand il-klijenti taghha, li jidher li kienet tathom facilitajiet ta' hlas *"on credit"* minghajr mas-socjeta' attrici kienet ikkonsultata, jew b'xi mod approvat l-istess.

Illi dan jirrizulta mix-xhieda ta' Joseph Naudi Montalto fl-affidavit tieghu esebit man-nota tieghu datata 3 ta' Mejju 1995, u jidher li dan id-disgwid beda mill-ewwel ma' l-ewwel *statement* li s-socjeta' konvenuta baghtet lis-socjeta' attrici f'Marzu 1992 u jidher li hekk baqghet is-sitwazzjoni minkejja li saru diversi nkontri bejn il-partijiet u anke korrispondenza li tinsab ikkorroborata mid-dokumenti annessi ma' l-istess affidavit.

Illi f'dan il-kuntest din il-Qorti thoss li meta hija ezaminat il-ftehim in iskritt li gie milhuq bejn is-socjeta' attrici u s-socjeta' konvenuta jirrizulta car li a bazi ta' l-ewwel kwalsola ta' l-istess ftehim tal-25 ta' Novembru 1991 hija setghet tidhol f'dak li l-istess kuntratt jirreferi bhala *"individual premium payment agreements with clients under the Scheme provided the <u>prior approval of the Principals is received in each particular case</u>...."* , u minn dan jidher car li fuq dan il-punt certament li s-socjeta' attrici ghandha ragun, peress li jirrizulta li bl-ebda mod l-istess socjeta' attrici ma tat l-approvazzjoni taghha dwar dilazzjoni ta' pagament ta' *premiums* bejn is-socjeta' konvenuta u l-kljenti taghha abbazi ta' l-Iskema mertu tal-ftehim bejn il-partijiet. Anzi l-ftehim huwa car dwar dan tant li l-Qorti thoss li fuq dan il-punt certament li ma hemm ebda bzonn ta' interpretazzjoni ghaliex il-kliem uzat ma jhalli l-ebda dubju dwar is-sinifikat ta' l-istess.

Illi din il-Qorti taqbel ukoll mas-sottomissjonijiet tas-socjeta' attrici dwar l-ammont li kellu ghalhekk jithallas

abbazi ta' l-klawsola 5 (b) ta' l-istess ftehim fuq citata, b'dan li l-ammont kollu ta' *premiums* kellu jithallas mis-socjeta' konvenuta lis-socjeta' attrici u dan mmaterjalment jekk tali ammont ingabarx mis-socjeta' konvenuta jew le, bit-tnaqqis biss ta' dak indikat fl-istess klawsola, haga li l-istess socjeta' konvenuta manifestament naqset li taghmel. Fil-fatt ma hemm l-ebda dubju li fid-data tas-17 ta' Settembru 1993 kien dovut mis-socjeta' konvenuta lis-socjeta' attrici l-ammont ta' Lm12,375.74 u dan kif jidher li huwa ammess mill-istess socjeta' konvenuta fl-istess dokument esebit a fol. 15 tal-process u li a bazi tieghu saret originarjament ic-citazzjoni attrici.

Illi dan qed jinghad peress li din il-Qorti thoss li l-istess klawsola hawn indikata fl-istess kuntratt ta' bejn is-socjeta' attrici u s-socjeta' konvenuta, jirrizulta ppruvat li l-persuna li kienet responsabbli ghall-hlas ta' l-istess *premiums* lis-socjeta' attrici kienet is-socjeta' konvenuta u r-relazzjoni tal-klijenti ta' l-istess socjeta' konvenuta *tramite* l-iskema msemmija fil-ftehim premess, baqghet dejjem bejniethom – tant li l-kjamati fil-kawza korrettament sostnew li huma r-relazzjoni taghhom kienet mas-socjeta' konvenuta; l-istess il-ftehim datat 25 ta' Novembru 1991 kien bejn l-istess socjeta' attrici u s-socjeta' konvenuta, u l-kjamati in kawza kienu estranei ghall-istess, anke ghaliex ma kienux parti mill-istess ftehim. F'dan is-sens din il-Qorti taqbel ma' dak li gie sottomess mis-socjeta' attrici fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha fejn jirrizulta li skond l-istess ftehim in iskritt kienet is-socjeta' konvenuta li kienet responsabbli ghall-hlas ta' l-istess *premiums* dovuti mid-diversi klijenti tas-socjeta' konvenuta stess, u dan jidher car mill-klawsoli hawn citati; dan jinsab ukoll ikkonfermat minn klawsola numru 13 (c) li tipprovdi li fin-nuqqas *da parte* tas-socjeta' konvenuta li thallas *"the full amount due, the Management Consultants will be debited with the relative percentage of the fee thereof".*

Illi dwar ir-relazzjoni ta' bejn is-socjetajiet imsemmija fl-istess ftehim ma huwiex dak indikat mis-socjeta' konvenuta fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha bhala dak ta' *broker* – anzi jidher li kien kuntratt *sui generis* imsejjah is-socjeta' konvenuta kienet appuntata bhala

*Management Consultant* u dan huwa car meta wiehed jirreferi ghall-klawsoli kollha ta’ l-istess kuntratt u wkoll ghall-fatt li l-ebda wahda mis-socjetajiet firmatarji ta’ l-istess ftehim ma kienet socjeta’ assikuratrici u b’hekk il-fatt li skond il-gurisprudenza konstanti l-*broker* huwa agent ta’ l-assikurat u mhux tal-kumpanija assikuratrici (**“Anthony Vassallo vs Alfred S. Azzopardi”** – P.A. (NA) 21 ta’ April 1999; **“Mario Mizzi nomine vs Mario Grech et”** P.A. (PS) – 3 ta’ Ottubru 2003; **“Grace Difesa proprio et vs HSBC Life Assurance (Malta) Ltd –** P.A. (TM) – 9 ta’ Ottubru 2003) ma ghandu x’jaqsam xejn man-natura tal-vertenza odjerna, fis-sens li ma jbiddel xejn mill-konkluzjonjiet raggunti, iktar u iktar meta s-socjeta’ attrici lanqas ma hija s-socjeta’ assikuratrici, kif fuq kollox jirrizulta mix-xhieda kollha prodotta, nkluza dik tal-kjamat fil-kawza Victor Grupetta u d-dokumenti minnu esebiti. Fil-fatt ix-xhieda kollha kkwotata mis-socjeta’ konvenuta fin-nota ta’ osservazzjonijiet taghha tikkonferma li r-relazzjoni tal-kjamati fil-kawza baqghet dejjem mas-socjeta’ konvenuta biss, fil-waqt li s-socjeta’ attrici permezz ta’ l-istess ftehim li a bazi tieghu saret l-azzjoni attrici, zammet biss relazzjoni mas-socjeta’ konvenuta, u dan in kwantu jirrigwarda wkoll il-mertu ta’ l-azzjoni attrici. B’hekk it-talba fl-ammont ridott ghanda tigi milqugha fil-konfront tas-socjeta’ konvenuta b’dan pero’ li mill-istess ammont ghandu jitnaqqas l-ammont ta’ Lm320 indikat fic-citazzjoni attrici, u dan peress li din il-Qorti thoss li limitatament ghall-istess ammont ta’ Lm320 l-azzjoni attrici ma gietx ippruvata u b’hekk l-ammont li ghandu jithallas mis-socjeta’ konvenuta lis-socjeta’ attrici huwa dak ta’ Lm3,620.75 – Lm320 = Lm3,300.75.

Illi in kwantu l-istess citazzjoni attrici hija bbazata fuq il-kuntratt datat 25 ta’ Novembru 1991 bejn is-socjeta’ attrici u s-socjeta’ konvenuta, dan huwa *res inter alios acta* fil-konfront tal-kjamati fil-kawza, u b’hekk din il-Qorti tilqa’ l-ewwel eccezzjoni tal-kjamati fil-kawza Francis Attard u John Galea fil-kwalita’ taghhom premessa u s-socjeta’ Merlin International Limited u dan in kwantu konsistenti ma’ dak hawn deciz, u fuq kollox ghaliex l-istess kjamati fil-kawza ma kienux parti mill-ftehim mertu tal-kawza

odjerna, u b’hekk tillibera lill-istess mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi ghal dak li jirrigwarda l-kontro-talba tas-socjeta’ konvenuta din il-Qorti thoss li l-allegazzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta f’dan ir-rigward ma gewx ippruvati, anzi jirrizulta mill-provi li s-socjeta’ attrici kellha d-dritt tittermina l-ftehim mas-socjeta’ konvenuta ghaliex l-istess socjeta’ konvenuta kienet naqset milli tosserva l-obbligi taghha anke abbazi ta’ l-istess artikoli gia citati f’din id-decizjoni, kif ukoll minhabba l-fatt li jidher car li f’dak li huwa pprocessar ta’ *claims*, l-istess socjeta’ konvenuta naqset li tghaddi d-dokumentazzjoni relattiva lis-socjeta’ attrici u dan kif jirrizulta mix-xhieda prodotta f’din il-kawza, nkluza dik ta’ l-attur Joseph Attard Montalto.

Illi mhux hekk biss izda jidher car li l-iskop tal-Ftehim li s-socjeta’ attrici taccetta l-iskema sabiex jigu nxurjati *Self Drive and Garage Hire Insurance* kienet marbuta mal-parti l-ohra ta’ l-istess ftehim indikata anke fi klawsola 12 ta’ l-istess Ftehim fejn l-istess socjeta’ konvenuta kellha taghmel dak kollu possibbli *“to secure for the Principals as much Non Self-Drive and Non-Garage Hire businesss (particularly Non-Motor business) as circumstances will permit”*, haga li jidher li ma saritx mis-socjeta’ konvenuta, kif jirrizulta mix-xhieda prodotta, u dan certament li kienet konsiderazzjoni ewlenija ghaliex il-partijiet u in partikolari s-socjeta’ attrici dahlet f’dan il-ftehim, u dan johrog car meta wiehed jara l-ftehim kollu u in partikolari l-klawsola ndikata, u dan jinsab spjegat ukoll fil-korrispondenza datata 20 ta’ April 2002 esebita bhala Dok. “X” a fol. 31 tal-process, u in virtu tal-massima li l-pattijiet ghandhom jigu esegwieti in *bona fede*, din il-Qorti thoss li proprju minhabba din l-inadempjenza tas-socjeta’ konvenuta, l-istess kontro-talba ma tistax tigi milqugha anzi qed tigi michuda. Jigi rilevat li s-socjeta’ konvenuta ma resqet l-ebda prova li hija b’xi mod ikkontestat dak kontenut fil-komunikazzjoni ta’ l-20 ta’ April 2002, tant li jidher li anke bl-ittra datata 17 ta’ Settembru 2003 (fol. 15) l-istess socjeta’ konvenuta kienet accettat li ftehim bejn il-partijiet firmatarji ma kienx iktar jezisti u rreferiet biss ghall-kwistjoni tal-*premiums* li baqghu ma humiex imhallsa li

huma l-mertu tac-citazzjoni attrici u li saret pjena riferenza ghall-istess f'din is-sentenza.

Illi fil-fatt jinghad li s-socjeta' konvenuta ma resqet ebda prova sabiex tissonstanzja b'xi mod dak minnha allegat, u dan meta kien l-oneru taghha li taghmel dan, u ghalhekk ukoll il-kontro-talba tas-socjeta' konvenuta qed tigi wkoll michuda.

Illi ghalhekk il-kontro-talba tas-socjeta' konvenuta qed tigi michuda.

## <u>III.   KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-kjamati fil-kawza rispettivament u tillibera lill-istess kjamati fil-kawza kollha mill-osservanza tal-gudizzju u fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta nkwantu nkonsistenti ma' dak hawn deciz, **tilqa' t-tieni talba attrici fil-konfront tas-socjeta' konvenuta biss fis-sens hawn deciz** b'dan illi:-

2.   Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-attur *nomine* s-somma ta' tlett elef, u tlett mitt lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm3,300.75) dovuta lill-attur *nomine in via* ta' *premiums* ta' poloz ta' assikurazzjoni *ai termini* tal-kuntratt fuq imsemmi kollox kif indikat f'din id-decizjoni.

Bl-imghax legali kif indikati fic-citazzjoni attrici sal-effettiv pagament u bl-ispejjes komprizi dawk ta' hames ittri legali u tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment mac-citazzjoni attrici, u l-ispejjez tal-kjamati fil-kawza kontra s-socjeta' konvenuta.

Illi dwar il-**kontro-talba tas-socjeta' konvenuta**, din il-Qorti ghal dawn il-motivi, taqta' u tiddeciedi, billi fil-waqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' attrici ghall-kontro-talba

tas-socjeta' konvenuta inkwantu konsistenti ma' dak hawn deciz, **tichad it-talbiet tas-socjeta' konvenuta fl-istess kontro-talba** *stante* li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt kif hawn deciz.

Bl-ispejjez ta' l-istess kontro-talba tas-socjeta' konvenuta a karigu ta' l-istess socjeta' konvenuta.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------